# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020**

**Numru 6**

**Rikors numru 72/19 LM**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lawrence Attard**

**Il-Qorti:**

1. B'digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex twieġeb għad-domanda:-

> *"Jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li huwa ma ingħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u dan kif dirett mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta' Lulju 2004, billi l-proċeduri penali kontra tiegħu għadhom ma ġewx defenittivament konklużi illum kważi għoxrin sena wara".*

2. B’sentenza tas-6 ta’ Marzu 2020, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet:-

*“Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

*1. “Tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-riferut Avukat Ġenerali;*
*2. “Tiddikjara li l-fatt li lura fl-1 ta’ Lulju, 2004, diġà kien ingħata pronunzjament minn din il-Qorti kif diversament preseduta, li l-jeddijiet fundamentali tar-referent, partikolarment dawk protetti bis-saħħa tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bis-saħħa tal- artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal- Bniedem, sfaw miksura, mhu tal-ebda ostakolu għal din ir-referenza kostituzzjonali;*
*3. “Tiddikjara għal darb’oħra li l-jedd tar-referent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli ġie miksur in vista tad-dewmien ulterjuri sabiex jiġu konklużi l-proċeduri penali fil-konfront tiegħu;*
*4. “Tiddeċiedi li r-rimedju effettiv li għandu jingħata r-referent għal tali leżjoni għandu jkun jikkonsisti fil-ħlas ta’ danni morali li qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta’ għaxart elef Euro (€10,000), li għandhom jitħallsu lir-referent mir-riferut.*
*5. “Tordna li l-atti jerġgħu jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sabiex jiġu konklużi l-proċeduri penali fil-konfront tar-referent.*

*“Spejjeż marbuta ma’ dawn il-proċeduri a karigu tar-riferut Avukat Ġenerali”.*

3. Fis-6 ta’ Mejju 2020, l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza bl-aggravju u t-talba jkunu:-

*“Illi applikat dan it-tagħlim għall-każ odjern, l-esponent jirrileva li l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet tat-3 ta’ Mejju 2019 fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma saqsiet x’għandu jkun ir-rimedju f’każ li l-Qorti Ċivili Prim’Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) issib li seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk l-appellant qed jissottometti li l-Ewwel Qorti kellha twieġeb biss dwar jekk hemmx vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrenti u mhux li tagħti xi forma ta’ rimedju kif fil-fatt għamlet. Dan il-każ jixbah ħafna dak ċitat ta’ Nelson Arias. Għalhekk fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta bħala forma ta’ rimedju likwidat kumpens fl-ammont ta’ 10,000 euro bħala danni morali.*

> *"Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti filwaqt li jirreferi għall-atti kollha tal-kawża u filwaqt li jirriżerva li jipproduċi l-provi kollha ammissibbli skond il-Liġi f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex jogħġobha għar-raġunijiet premessi tirriforma s-sentenza appellata tas-6 ta' Marzu 2020 billi tikkonfermaha biss u limitatament f'dik il-parti fejn iddikjarat li hemm vjolazzjoni tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appelata Attard".*

4. L-appellat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali. Permezz ta' eċċezzjoni preliminari ddikjara li l-appell kien preżentat fil-Qorti Kostituzzjonali u mhux quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali), u għalhekk il-Qorti għandha tistħarreġ dak il-fatt. Imbagħad għadda sabiex jgħid għalfejn fil-meritu l-appell għandu jiġi miċħud.

5. L-ewwel eċċezzjoni tal-appellat hi għal kollox żbaljata. Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) ma teżistix. Teżisti Qorti Kostituzzjonali.

6. Dwar il-meritu tal-appell tal-Avukat Ġenerali, il-kwistjoni kollha hi jekk l-ewwel Qorti setgħetx tordna l-ħlas ta' għaxart elef euro (€10,000) bħala danni morali lill-appellat minħabba dewmien żejjed fil-kawża kriminali **Il-Pulizija v. Lawrence Attard**. Proċeduri kriminali li inbdew f'Novembru 1999.

7. Jirriżulta li fil-kawża kriminali kienet diga' saret ordni ta' referenza u b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Lulju 2004 mhux

appellata, iddeċidiet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba dewmien mhux raġonevoli fir-rigward ta' smigħ ta' xhud partikolari, u waqfet hemm. Il-parti dispożittiva ta' dik is-sentenza taqra:-

> *"Tiddikjara li l-ilment tal-akkużat jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal- artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni fit-termini hawn fuq imfissrin; u*
>
> *"Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jgħaddi lura l-atti lill- Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza".*

8. Hu minnu li fir-rikors li l-appellat ippreżenta fil-Qorti tal-Appell Kriminali (4 ta' Marzu 2019) u li bih talab li tingħata ordni ta' referenza, qal li dik il-Qorti kellha tordna referenza sabiex:

> *"..... stabbilit li l-esponenti sofra minn leżjoni ta' dritt in kwantu dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lawrence Attard deċiża 1 ta' Lulju 2004, il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), tagħti rimedju issa xieraq fiċ-ċirkostanzi u dan wara trapass ta' erbatax-il sena mis-sentenza ċitata;*
>
> *"Illi għalhekk ir-referenza għandha tkun tirrigwarda r-rimedju effettiv li għandu jingħata l-esponenti wara li kien ġia misjub li l-esponenti saritlu leżjoni tad-dritt tiegħu hekk kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta".*

9. Pero` fid-digriet tat-3 ta' Mejju 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali staqsiet biss id-domanda jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba li, "*... il-proċeduri penali kontra tiegħu għadhom ma ġewx defenittivament konklużi illum kważi għoxrin sena wara*". L-ewwel Qorti kellha twieġeb dik id-domanda u xejn iktar. Fl-ordni ta' referenza ma sartix talba sabiex jingħata rimedju,

u għalhekk l-ewwel Qorti żbaljat meta ordnat li l-appellat għandu jitħallas għaxart elef euro (€10,000) bħala danni morali.

10. Fis-sentenza **Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et** tas-6 ta' Settembru 2010, din il-Qorti qalet:-

> *"10....... Fi proceduri ta' riferenza bhal dawk odjerni, il-gurisdizzjoni kemm tal-Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali hija marbuta strettament mat-termini tar-riferenza kif impustata minn dik il-Qorti li tkun ordnat tali riferenza".*

11. Imbagħad fis-sentenza **Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Ellul Sullivan** tad-19 ta' April 2012, din il-Qorti qalet:-

> *"16. Hu risaput li meta ssir referenza lil Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) il-kompitu ta' dik il-Qorti huwa li twiegeb ghall-mistoqsijiet li jsirulha fir-referenza u proprjament ghal xejn aktar. Il-Prim'Awla ghandha tibqa' fit-termini u l-parametri tar-referenza maghmula lilha".*

12. Kif semma tajjeb l-appellant, kwistjoni simili ġiet deċiża minn din il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija v. Nelson Arias** tat-28 ta' Settembru 2012 fejn intqal:-

> *"54. Finally, consideration must be given to the appellants' fifth and final grievance whereby they complain about the remedy granted by the Court since they submit that in the case of a constitutional reference the Court which takes cognizance of the reference is bound by the parameters of the reference and must limit itself to determining whether the alleged violation results. They also submit that in this case a declaration of a violation would in itself constitute just satisfaction bearing in mind that the defendant never showed any interest in filing a request for bail.*
>
> *"55. In respect of this issue this Court points out that as a rule whenever a constitutional reference is made to the First Hall Civil Court under*

*Article 46(3) of the Constitution that Court's function is circumscribed by the terms of the reference made to it and that Court is required to limit itself to giving its replies to the questions referred to it by the referring Court. The terms of the reference made to the first Court did not extend to the liquidation and order of payment of compensation to the defendant Arias Nelson who not the person was making the reference since the referring authority was the Court of Magistrates. When, therefore, the first Court liquidated the sum of €1,500 by way of compensation in favour of the defendant it went beyond the limits of its competence as delineated by the terms of the reference and this is sufficient to lead to the revocation of this part of the judgment without there being any need to consider the other aspects raised by the appellants in connection with this issue.*

*"56. This grievance is therefore being allowed and the appealed judgment shall be varied accordingly"*.

13. L-għan wara ordni ta' referenza mhuwiex sabiex il-persuna tingħata rimedju li jikkonsisti f'kumpens pekunjarju jew non-pekunjarju, iżda sabiex tingħata tweġiba għal kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali li tkun qamet quddiem Qorti li mhijiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew Qorti Kostituzzjonali. Tant hu hekk li d-dispozizzjoni kemm fil-Kostituzzjoni u wkoll fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) jipprovdu li *"..... il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni"*.

14. Fit-tweġiba r-rikorrent argumenta li:

*"...... l-uniku rimedju ġenwin u veru li kien imessu jingħata kien li wara dina l-pastażata ta' snin li ttawwal il-proċess inutilment, l-Ewwel Qorti kien imessha ordnat li bħala rimedju l-esponenti anke f'każ ta' ħtija issa ma jingħatax wara dawn is-snin kollha piena ta' priġunerija effettiva. Illi minflok ma għamlet hekk u ċioe' fil-verita dak li kellu jiġi ordnat, l-Ewwel Qorti għażlet sa issa t-triq l-aktar kwieta ta' rimedju ekonomiku. Ikun verament ta' għajb jekk issa anke dan ir-rimedju konservattiv jinteħħa lill-esponenti wara dak kollu li għadda minnu ħabba l-aġir tal-intimat"*.

15. Hu evidenti li wara t-talba għal referenza hemm il-ħsieb tal-appellat li ma jeħilx piena karċerarja. Pero` hi l-Qorti tal-Appell Kriminali li għandha tiddeċiedi dwar il-piena. Ovvjament mhemm xejn x'iżomm lil dik il-Qorti milli tikkonsidra wkoll jekk is-snin twal li ilha pendenti l-kawża kriminali, għandux ikun ta' benefiċċju għal dik li hi piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Materja li taqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ġialadarba l-appell għadu pendenti. Fir-realta` bit-talba għal referenza r-rikorrent kompla jtawwal il-proċeduri kriminali bla bżonn, stante li l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha l-atti quddiemha u faċilment tista' tiddetermina jekk wara s-sentenza tal-1 ta' Lulju 2004 il-proċeduri komplewx jitwalu bla bżonn mingħajr ebda ħtija tal-appellat, u fl-affermattiv jekk dak il-fatt jiġġustifikax tnaqqis ta' piena f'każ li tiġi konfermata l-ħtija tal-appellat tar-reati li nstab ħati li wettaq.

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tvarja s-sentenza tal-Qorti Ċivili billi tħassar dik il-parti tas-sentenza li tat rimedju lill-appellat billi ikkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallsu s-somma ta' għaxart elef euro (€10,000) u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza. Spejjeż tal-appell a karigu tal-appellat.

Tordna li lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat kopja vera ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex issokta bis-smigħ tal-appell **Il-Pulizija v. Lawrence Attard** (497/2013) mingħajr iktar dewmien.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb